MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 969/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 t'Awissu 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-25 ta' Lulju 1997 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, u cjoe' C ta' tliet (3) snin u D ta' sentejn (2) rispettivament.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu martu ta' mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi b'mod li l-hajja konjugali ma baqatx aktar possibbli.

Illi *inoltre* z-zwieg issa tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni ta' l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi bil-kawza ghall-firda personali (Dok "A").

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut;

2. Tafda f'idejn l-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri C u D.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja li joghgobha tiffissa ghall-attrici u ghall-ulied minuri fuq imsemmija;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li tinqasam f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod, jekk ikun il-kaz il-konvenut jitlef kull jedd fuq in-nofs l-akkwisti li waqt iz-zwieg kienu saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici;

6. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 8 tal-process;

Rat id-digriet 1192/2002 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia datat 9 ta' Lulju 2002 fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn l-attrici bi dritt ta' access *verso* l-konvenut kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha mill-4:00 p.m. sas-7:30 p.m. u alternattivament is-Sibt u l-Hadd (gimgha s-Sibt u gimgha l-Hadd mit-3:00 p.m. sal-10:00 p.m.  Fl-istess digriet il-konvenut gie kkundannat ihallas manteniment ghall-attrici fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) u ghall-minuri fl-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici mid-data ta' l-istess digriet, kollox kif jidher a fol. 5 sa 8 tal-process.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attrici fid-19 ta' Settembru 2002 fejn il-Qorti pprefiggietilha terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu.

Rat ir-rikors (1) ta' l-attrici datat 27 t'Awissu 2002 fejn talbet li jigi varjat l-access ezercitat mill-konvenut favur it-tfal minuri C u D Grima.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn ordnat in-notifika u rriservat li tipprovdi dwar l-istess fi stadju ultejuri.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 18 ta' Settembru 2002 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-19 ta' Settembru 2002 filwaqt li ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici, ordnat ukoll lill-attrici sabiex tipprezenta l-affidavits kollha taghha koncernanti l-pretensjonijiet taghha dwar responsabbilta', manteniment – inkluz l-introjtu u l-bzonnijiet tal-partijiet, kura u kustodja u access, u fuq konsistenza tal-komunjoni bil-valuri ndikati, u pjan ta' qasma jekk ikun il-kaz.  Il-Qorti rriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz wara li l-istess attrici tkun ottemperat ruhha ma' dak hawn ordnat kollox kif jidher a fol. 35 tal-process.
Rat ir-rikors (2) ta' l-attrici tas-7 ta' Jannar 2003 fejn talbet li jigi sospiz l-access tal-konvenut lejn it-tfal sakemm jigu

mahtura *Social Worker* u *Child Psycologist* biex jistudjaw u jaghmlu r-rapport taghhom dwar il-kaz.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 8 ta' Jannar 2003 fejn ordnat li l-attrici taderixxi ruhha mad-digriet tad-19 ta' Settembru 2002 u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-kaz skond il-ligi u giet ordnata notifika tar-rikors lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-konvenut tal-15 ta' Jannar 2003 u d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia LL.D. datat 17 ta' Jannar 2003 fejn laqghat it-tieni talba u nnominat lil Ms. Roberta Attard bhala *Child Psychologist* sabiex tinvestiga u tirrelata dwar l-allegazzjoni ta' l-attrici. Fl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu moghti lilha, l-espert imqabbda mill-Qorti nghatat il-fakulta li tintervista lill-genituri u lil kull min jidhrilha opportun, inkluz il-minuri jekk thoss il-htiega kollox kif jidher a fol. 50 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti giet infurmata minn Dr. Doreen Clarke li l-attrici pprezentat erba' affidavits *in ottemperanza* mad-digriet tad-19 ta' Settembru 2002, liema affidavits pero' ma jinstabux fil-process. Il-Qorti ordnat li dawn jigu rintraccati u mdahhla fil-process. Profs. Ian Refalo ghall-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici. Inghata digriet nota guramentata u digriet iehor ta' l-affidavits lill-attrici b'terminu ta' hmistax-il gurnata. Inghata wkoll digriet affidavit lill-konvenut b'terminu ta' sittin (60) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Robert Abela bhala Perit Legali u ordnatlu biex wara tali terminu ta' l-affidavits jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi ta' l-attrici, u tnejn ohra biex jigu konkluzi dawk tal-konvenut, wara liema l-istess Perit gie awtorizzat jirrelata a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota ta' l-attrici **A** datata 21 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet disa' (9) affidavits, cjoe' taghha, tal-genituri taghha **Maria Spiteri Cornish** u **Charles Spiteri**, hutha **Claire Spiteri Cornish**, **Clifford Spiteri**, ta' **Melina Cornish**, ta' **Philip Cornish**, ta' **Victoria**

**Camilleri**, u ta' **Hilda Anne Farrugia** kollox minn fol. 59 sa 86 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici ta' l-24 ta' Jannar 2003 li permezz taghha ndikat kif rikjest il-pretensjonijiet taghha dwar kura, kustodja u access, manteniment, u dwar komunjoni ta' l-akkwisti kollox a fol. 88 u 89 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut B tas-27 ta' Jannar 2003 a fol. 91 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ewwel talba ta' l-attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan illi tigi pronunzjata ghal tort u htija ta' l-attrici versu zewgha, li jichad dawk l-allegazzjonijiet iddikjarati mill-attrici;

2. Illi l-attrici m'hijiex idoneja sabiex tiehu f'idejha l-kura u l-kustodja ta' l-ulied taghhom minuri u b'hekk ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenut;

3. Illi l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi l-manteniment u kif ukoll ghaliex l-attrici hija kapaci illi tipprovdi ghall-manteniment taghha stess;

4. Illi t-talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti mhix opposta b'dan pero' illi jigi kkonsidrat illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjoni tal-Ligi citati u *di piu'* jekk ikun il-kaz ghandu jigi ddikjarat li l-attrici ddekadiet minn porzjon sostanzjali ta' sehemha mill-gid komuni;

5. Illi s-sitt talba hija opposta billi l-konvenut qatt ma ta lok ghall-applikazzjoni ta' l-imsemmija artikoli ta' l-ligi kontra tieghu u *inoltre* a tenur ta' l-**artikolu 52** hija l-attrici li ghandha tigi ddikjarata li ddekadiet minn dawk id-drittijiet taghha kif jigi stabbiliti minn din il-Qorti, skond ir-rizultanzi;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-attrici minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 93 u 94 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 24 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' huha **Kurt Spiteri Cornish** datat 22 ta' Jannar 2003.

Rat ir-rikors (3) ta' l-attrici datat 3 ta' Frar 2003 fejn talbet li jigi ffissat access provizorju sakemm ic-*Child Psychologist* nominata fil-kaz tespleta l-inkarigu taghha, u dan sabiex l-ulied ma jkomplux ibaghtu pregudizzju rreparabbli.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 4 ta' Frar 2003 fejn ordnat lill-attrici tindika x'qed tissuggerixxi bhala access tal-konvenut, tenut kont ta' l-iskola tal-minuri, u ordnat ukoll in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghal risposta.

Rat in-nota sussegwenti ta' l-attrici pprezentata fit-18 ta' Marzu 2003 fejn ipproponiet li l-access jigi ezercitat darbtejn fil-gimgha u cjoe' nhar t'Erbgha ghal saghtejn, mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m u nhar ta' Sibt ghal erba' sieghat mid-9:00 a.m. sas-1:00 p.m. L-attrici ssuggeriet ukoll li sakemm jigi redatt ir-rapport ta' l-espert psikologu nominat mill-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri l-access jigi ezercitat taht superizjoni.
Rat ir-risposta tal-konvenut datata 27 ta' Marzu 2003.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-16 ta' Lulju 2003 fejn wara li rat ir-rapport ta' Dr. Roberta Attard ordnat lill-istess espert tahlef ir-rapport fir-Registru u tinnotifika l-istess rapport lill-partijiet jew lid-difensuri taghhom. L-attrici giet ordnata tipprezenta nota t'osservazzjonijiet fuq l-istess rapport u fuq ir-rikorsi taghha, u tindika permezz ta' nota ohra f'hiex waslet il-kawza bejn il-partijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici ghar-rapport ta’ Dr. Roberta Attard li giet prezentata fis-17 ta’ Jannar 2005, u d-digriet sussegwenti tat-28 ta’ Marzu 2005 fejn cahdet it-talba ghar-rikors tat-3 ta’ Frar 2005 u rriservat li taghti decizjoni finali fis-sentenza finali u dan anke minhabba l-istat matur tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 11 ta’ Frar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ **Vincent C Davies**.

Rat ir-rikors (4) ta’ l-attrici datat 21 ta’ Frar 2003 li permezz tieghu fejn talbet li l-Perit Legali jigi awtorizzat izomm aktar seduti biex tikkonkludi l-provi kollha.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 18 ta’ Frar 2003 fejn ipprezenta rapport b’allegat abbuz mill-konvenut fuq uliedu l-minuri (fol. 113 u 114 tal-process) liema rapport kien redatt minn l-Ispettur Louise Vella.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti ta’ l-24 ta’ Frar 2003 fejn l-attrici giet ordnata tipprezenta nota guramentata fi zmien ghaxart ijiem sabiex tindika l-pretensjonijiet taghha. L-attrici giet ordnata tinnotifika r-rikors, in-nota tal-Kummissarju bir-rapport lill-kontro-parti li nghata jumejn zmien biex jaghti l-osservazzjonijiet tieghu fuq l-istess, filwaqt li l-attrici nghatat erbat ijiem zmien ghall-osservazzjonijiet taghha.

Rat in-nota ta’ l-attrici pprezentata fit-28 ta’ Frar 2003 kif rikjest, fejn fl-ahjar interess ta’ wliedha talbet li jigi regolat l-access billi jibda jigi ezercitat b’supervizjoni u ghal anqas sieghat fil-gimgha.

Rat ukoll in-nota tal-konvenut ta’ l-4 ta’ Marzu 2003 fejn b’reazzjoni ghar-rapport tal-Kummissarju tal-Pulizija wera l-approvazzjoni tieghu li fl-istess rapport ma nstabx hati ta’ mgieba hazina fil-konfront ta’ wliedu, wera dizappunt ghal kwalunkwe sintomi naxxenti minn tali allegazzjonijiet fil-konfront tieghu, peress li hu jemmen li fl-ahjar interess tat-trobbija ta’ l-ulied hemm bzonn li jkun hemm l-ahjar relazzjoni u l-prezenza maz-zewg genituri. Il-konvenut

wera l-apprezzament tieghu li giet imqabbda l-Agenzija Appogg biex jigu redatti rapporti ulterjuri.

Rat in-nota guramentata ta' l-attrici datata 5 ta' Marzu 2003 a fol. 124 sa 128 tal-process inkluz Dok. "X" a fol. 127 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali fid-19 ta' Frar 2003 fejn xehed **Peter Gatt**.

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Marzu 2003 fejn b'referenza ghar-rikors tal-21 ta' Frar 2003 wara li anke rat ir-risposta, laqghet it-talba u ordnat lill-Perit Legali jzomm tliet seduti ghall-provi kollha attrici. Il-Qorti ordnat li r-rapport tal-pulizija jigi kkonfermat bil-gurament, u sabiex id-digriet ts-17 ta' Jannar 2003 jigi notifikat lill-Espert Psikologa Roberta Attard li giet ordnata tindika kemm baqaghlha zmien biex testendi r-rapport.

Rat in-nota sussegwenti ta' l-Espert Roberta Attard datata 10 t'April 2003, fejn indikat li ghandha testendi r-rapport taghha lejn l-ahhar ta' Mejju 2003.

Rat in-nota ohra taghha tat-22 t'April 2003 li permezz taghha pprezentat ir-rapport taghha liema rapport gie msejjah wiehed interim kif jirrizulta mill-istess a fol. 135 sa 139 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2003 fejn ordnat li tali rapport jinhalef u jigi notifikat lill-partijiet jew lid-difensuri taghhom.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn b'referenza ghar-rikors tal-21 ta' Frar 2003 fejn laqghat it-talba u ordnat lill-Perit Legali jiffissa l-ahhar tliet seduti ghall-provi kollha attrici.

Rat in-nota tal-konvenut tad-29 t'April 2003 li biha pprezenta l-affidavits ta' **Veronica Sultana**, ta' **Phyllis Grima**, ta' **Mary Anne Cachia**, u ta' **Carmen Delia**.

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-8 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha rriservat il-kontro-ezami ta’ xhieda li taghhom ipprezenta l-affidavit il-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut **Dr. Joseph N. Grima** datata 29 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, ta’ missieru **Carmel Grima**, ta’ **Salvina Delia**, u ta’ **Rev. Fr. George Grima**.

Rat in-nota ta’ Dr. Roberta Attard datata 18 ta’ Lulju 2003 li permezz taghha annettiet zewg kopji tar-rapport taghha biex jigu notifikati lid-difensuri tal-partijiet.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Robert Abela datat 1 t’Ottubru 2003 fejn talab lill-Qorti taghti d-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u opportuni fir-rigward ta’ l-ammissibbilta’ *o meno* ta’ domanda lix-xhud Dr. George Grech.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 t’Ottubru 2003 fejn ordnat li d-domanda tithalla ssir.

Rat in-nota guramentata tal-konvenut ta’ l-20 t’Ottubru 2003 in ottemperanza mal-verbal tat-8 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata 24 t’Ottubru 2003.

Rat il-verbal tat-28 t’Ottubru 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali jiffissa l-ahhar seduti biex il-provi kollha jinghalqu sa l-ahhar ta’ Frar 2004.

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-23 ta’ Settembru 2004 li permezz taghha nformat lill-Qorti li t-tifla ntaghzlet biex tattendi St. Dorothy’s Convent *stante* l-oppozizzjonit tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 t’April 2004.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut ta’ l-24 t’Awissu 2004.

Rat il-verbal tas-7 t’Ottubru 2004

Rat ir-rikors (5) ta’ l-attrici datat 14 t’Ottubru 2004 fejn talbet li jigi varjat id-digriet ta’ access tal-konvenut ghal uliedu minuri ghal wiehed ta’ darbtejn fil-gimgha, cjoe’ nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mill-4:00 sas-6:00 p.m. u s-Sibt li jalterna mal-Hadd mis-2:00 p.m. sas-6:30 p.m.

Rat ir-risposta tal-konvenut ta’ l-4 ta’ Novembru 2004 u d-digriet tal-Qorti tat-8 ta’ Novembru 2004 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenza filwaqt li cahdet it-talba peress li din tfisser tnaqqis fil-hin ta’ l-access, issollecitat lill-partijiet jezaminaw il-proposta tal-konvenut kontenuta fil-pagna ta’ qabel ta’ l-ahhar fir-risposta tieghu u dan fejn issuggerixxa li waqt l-iskola jkollu access ghal uliedu kull nhar ta’ Tlieta, Hamis, u Gimgha wara l-iskola sas-7:30 p.m u s-Sibt u l-Hadd alternattivament mid-9:00 a.m. sad-9:00 p.m. u fil-hinijiet tas-Sajf fl-istess granet f’nofs il-gimgha pero’ l-access ikun mill-10:00 a.m. sad-9:00 p.m. u fil-*weekend* fil-granet indikati alternattivament pero’ fil-hinijiet ta’ bejn l-10:00 a.m. sal-10:00 p.m.

Rat ir-rikors (6) ta’ l-attrici datat 23 ta’ Novembru 2004 b’talba ghall-isfilz ta’ rapport ta’ zewg *Social Workers* mill-Agenzija Appogg.

Rat ir-risposta tal-konvenut tas-16 ta’ Dicembru 2004.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia datat 22 ta’ Dicembru fejn irriservat li tipprovdi fis-seduta.

Rat ukoll id-digriet sussegwenti tal-Qorti kif prezentament presjeduta fejn fit-28 ta’ Marzu 2005 ikkonfermat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar 2005 fejn kienet ordnat l-isfilz ta’ l-imsemmi rapport.

Rat ir-rikors (7) ta’ l-attrici tat-23 ta’ Novembru 2004 fejn ghal darb’ ohra talbet li jigi varjat l-access tal-konvenut ghal uliedu minuri C u D billi jkun kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mill-4:00 sas-6:30 p.m. u s-Sibt li jalterna mal-

Hadd mis-1:30 p.m. sas-7:30 p.m. fejn it-tfal jingabru u jigu ritornati mir-residenza ta’ l-omm.

Rat ir-risposta tal-konvenut tas-16 ta’ Dicembru 2004 u d-digrieti tat-22 ta’ Dicembru 2004 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia halliet ir-rikors ghal decizjoni ghas-seduta tat-18 ta’ Jannar 2005; tat-28 ta’ Marzu 2005 fejn il-Qorti kif prezentament presjeduta cahdet it-talba konformament mad-digrieti simili ohra li nghataw dakinhar stess.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut datat 21 ta’ Dicembru 2004 fejn talab li jinghata l-permess iressaq provi ulterjuri limitatament ghall-kwistjoni tal-manteniment, bil-fakolta’ li jharrek xhud bhala prova dwar l-introjtu ta’ l-attrici.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Marzu 2005 fejn cahdet it-talba.

Rat ir-rikors (7) ulterjuri ta’ l-attrici datat 17 ta’ Jannar 2005 fejn regghet irriteniet it-talba taghha ghal varjazzjoni fil-hinijiet ta’ l-access u pproponiet l-istess granet u hinijiet, liema talba giet michuda mill-Qorti b’digriet tat-28 ta’ Marzu 2005, b’dan li rriservat li taghti provvedimenti opportuni fid-decizjoni finali taghha.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 17 ta’ Jannar 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Jannar 2005 fejn l-attrici ddikjarat bil-gurament li bdiet tahdem bhala *teacher* fi skola tal-knisja fil-bidu t’Ottubru 2004 u ghandha paga ta’ *circa* erba’ mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar. Dr. Jacqueline Borg ghall-konvenut irtirat ir-rikors taghha tal-21 ta’ Dicembru 2004. Illi ghalhekk din il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmi rikors. L-attrici ddikjarat li l-fond fejn tirrisjedi hi flimkien mat-tfal huwa mikri lilha b’mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) fix-xahar, liema fond igib l-indirizz ta’ 59, ‘Santa Marija’, Triq Anton Abbati, Mosta. Sid il-kera jisimha Therese Azzopardi. Il-konvenut spjega lill-Qorti li wara li hu kiteb lis-Sur Gerada l-Agenzija Appogg qabbdet lis-sezzjoni

taghha ta' *"Looked After Children"* biex tindaga fuq il-kaz. Peress li r-rapport ta' Francis Mazzitelli ta' l-Agenzija Appogg sar minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u anke minghajr ma kienet taf l-attrici, il-Qorti ordnat l-isfilz tieghu mill-atti processwali. Wara li ta x-xhieda tieghu l-konvenut, il-Qorti rriservat li tiehu l-passi opportuni u taghmel il-komuniki necessarji ma' l-Awtoritajiet kompetenti wara li tezamina l-istess xhieda. Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici talbet zmien ukoll sabiex tirregola ruhha dwar din ix-xhieda.

Rat ir-rikors (8) ta' l-attrici ta' l-24 ta' Frar 2005 fejn permezz tieghu filwaqt li rriservat ruhha fuq ir-rapporti ta' Dr. Attard kif ukoll fuq l-involviment ta' Frances Mazzittelli u l-Agenzija Appogg fil-process skond ix-xhieda ta' l-istess konvenut, talbet li jigi varjat l-access tal-konvenut ghaz-zewg uliedu minuri billi tipprovdi li dan ghandu jsehh nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-4:00 p.m. sas-6:30 p.m. u s-Sibt li jalterna mal-Hadd mis-2:00 p.m. sal-5:30 p.m.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 14 ta' Marzu 2005, u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Marzu 2005 fejn il-Qorti cahdet it-talba f'dan l-istadju avvanzat tal-kawza u rriservat li taghti d-decizjoni taghha fis-sentenza finali wara li jkunu dahlu r-rapporti kollha.

Rat il-verbali tat-2 ta' Marzu 2005; tal-5 t'April 2005; tat-23 ta' Gunju 2005 fejn wara qbil bejn iz-zewg difensuri rispettivi, il-Qorti awtorizzat lill-Perit Legali sabiex jahlef ir-rapport tieghu fir-Registru b'dan li jinformahom meta dan isehh. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' hamsin gurnata lill-attrici biex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghal sentenza *in difett' ostacolo*.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati u dan minn fol. 519 sa fol. 556 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali datat 28 ta' Marzu 2005 u mahluf fl-24 ta' Settembru 2005 fir-Registru kif kien awtorizzat li jaghmel b'digriet tal-Qorti datat 23 ta' Gunju 2005 u wara li d-difensuri tal-partijiet prezenti fl-istess seduta, cjoe' Dr. Jacqueline Borg ghall-konvenut u Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici qablu li l-istess Perit Legali kellu jahlef l-istess rapport fir-Registru tal-Qorti, kollox skond il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2005.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici ghar-relazzjoni tal-Perit Legali, datata 20 t'Ottubru 2005 a fol. 889 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 25 ta' Novembru 2005 fejn filwaqt li rrileva li l-attrici pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha tardivament, bil-konsegwenza li hu ma kienx baqaghlu l-istess terminu sabiex iwiegeb, talab li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tan-nota tieghu li pprezenta kontestwalment ma' l-istess rikors.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 28 ta' Novembru 2005 fejn cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, b'dan pero' li l-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota tal-konvenut datata 25 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut datata 25 ta' Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza ta' separazzjoni, fejn il-kontendenti kienu zzewgu fil-25 ta' Lulju 1997. Il-konvenut kellu jmur jistudja barra. Minn dan iz-zwieg kien hemm zewg ulied, C li twieled fl-20 ta' Novembru 1998, u D li twieldet fil-5 ta' April 2000. Dan iz-zwieg kien gja' sfaxxa f'Lulju 2002, meta skond ma allegat l-attrici kienet kostretta li titlaq mid-

dar, u marret tikri post fejn hija qed tghix ma' wliedha. Il-konvenut inghata access ghall-istess ulied, li bazikament baqa' kif dekretat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Illi din il-kawza hija pero' karatterizzata bil-mod kif l-istess partijiet b'mod mill-aktar serrat u b'pika esegerata dahhlu l-minuri bejniethom. Jidher li hemm ukoll diversi suggerimenti sabiex l-istess ulied litteralment jinqasmu min-nofs. Din holqot diffikolta' li din il-Qorti, anke kif diversament presjeduta fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabet mill-ewwel ma' wiccha, b'dan li l-hinijiet ta' l-istess ulied gew ftit jew wisq maqsuma bejn iz-zewg genituri, arrangament li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, anke bbazat fuq dak li rrelatat l-esperta psikologa Dr. Roberta Attard, certament ma kienx fl-interess tal-minuri. L-interess tal-minuri kien u ghadu li l-genituri jaqblu bejniethom dwar l-istess kura, kustodja u access, izda in verita' l-partijiet odjerni ftit li xejn taw kaz dan. Anzi kull parti baqghet biss tikkonfronta l-parti l-ohra, b'dan li b'konsegwenza kienu l-istess ulied l-aktar li batew. Din il-Qorti fil-fatt hi tal-fehma li l-partijiet setghu ta' l-anqas qaghdu ftit lura jew iddiskutew id-differenzi fl-ahjar interess tal-minuri.

Illi din il-Qorti ghamlet diversi tentattivi sabiex il-partijiet jaslu f'xi forma ta' ftehim. Izda l-partijiet qatt ma kienu disposti li jiftehmu minkejja l-hsara enormi li dan kontinwament kien qed jikkawza lill-minuri. Dan certament juri nuqqas ta' maturita' mill-genituri stess, u ghalhekk din il-Qorti ser tiehu provvedimenti dwar dan l-agir aktar 'il quddiem, filwaqt li ovvjament tirregola l-kwistjoni ta' kura u kustodja u access ta' l-imsemmija minuri. Hawn il-Qorti tiehu l-opportunita' li twissi lill-partijiet sabiex ghall-ebda raguni ma jkomplu jdahhlu lil uliedhom fil-konflitti ta' bejniethom. Ghal dan il-ghan tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex tibqa' timmonitorja s-sitwazzjoni fl-interess tal-minuri, kif ukoll sabiex jekk ikun il-kaz tiehu l-passi necessarji ghall-protezzjoni tal-minuri anke mill-genituri taghhom stess, u tirrapporta dan lill-entitajiet u awtoritajiet kompetenti.

Illi dan il-kaz huwa aktar serju meta wiehed iqis li z-zewg partijiet huma persuni suppost kolti u ta' edukazzjoni

soda, izda certament li l-komportament taghhom f'din il-kawza kien wiehed mill-aktar ostili, intenzjonat biss sabiex il-parti l-ohra ma tirbahx, meta in verita' f'kawza ta' separazzjoni kulma jigi deciz huwa minn tilef l-izjed. Dan ghaliex hawn *si tratta* ta' falliment taz-zwieg u falliment iehor ta' familja. F'dan il-kaz huwa ovvju li kull parti tkun qed twegga', izda l-aktar li haga li spikkat kien il-mod kif l-istess minuri gew konvolti b'mod dirett mill-istess partijiet, tant li jista' jinghad li l-pendenza odjerna kienet sa certu punt dominata fuq dan il-punt u fuq l-access li ghandu jkollu l-missier ghall-istess minuri u min ghandu jiehu l-kura u l-kustodja ta' l-istess. Dan l-atteggjament certament ma kienx fl-interess tal-minuri u l-pressjoni li saret minn kull parti kienet ta' dannu ghall-istess ulied, kif ukoll ta' tfixkil ghal kull persuna li kienet inkarigata sabiex tezamina l-istess kaz, inkluz lill-Qorti, bl-ghan ewlieni sabiex wiehed jistinka li jkollu decizjoni favurih jew favuriha, b'sens ta' egoismu estrem. Dwar dan din il-Qorti ser tkompli tespandi aktar meta taghti d-decizjonijiet taghha dwar responsabbilta' tas-separazzjoni u wkoll dwar il-provvedementi li ser tiehu fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

Illi dwar din il-kawza l-**attrici** xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit fejn tghid illi hi u l-konvenut izzewgu fil-25 ta' Lulju 1997. Tispjega l-oggezzjonijiet li kien hemm da parti tal-genituri u xi hbieb taghha li hi tohrog mal-konvenut, peress li dawn kienu jaraw lill-konvenut bhala supperv u *bossy*.

Illi l-attrici tghid li wara li zzewgu l-affarijiet bejniethom marru ghall-aghar, il-konvenut beda jissuppervja, jirrabja u jghajjat b'mod li kien ibezzaghha. Fl-ewwel gimghat tal-hajja mizzewga kienet issakkret fil-kamra tal-banju peress li bezghet li kien ser jerfa' jdejh fuqha. Sahansitra anke fit-tieg taghhom kien kellimha bil-herra.

Illi skond l-attrici malli zzewgu huma marru jghixu l-Ingilterra l-konvenut kien dahal f'rutina li joqghod l-universita` ta' hemmhekk jistudja, gieli kien imur il-*gym* u ftit li xejn kien jalloka hin ghaliha. Hi kienet tqatta' granet

twal wahedha. Meta kienet tigbidlu l-attenzjoni dwar dan kien jghajjarha li hi belha u jghajjat maghha.

Illi l-attrici tghid ukoll li l-konvenut qatt ma apprezza dak li kienet taghmel ghalih, bhal tisjir, u ntimament dejjem riedha toqghod ghal li jghid hu, meta jrid hu u kif jghid hu, u anke sforza ruhu fuqha meta kienet tqila.

Illi meta tilfet l-impjieg taghha fl-Ingilterra, il-konvenut kien ghajjat maghha u ma weriex appogg lejha. Lanqas kien jghinha meta kienet tqila bl-ewwel tifel u halliha wahedha f'pajjiz barrani b'tarbija gdida. Lanqas ma kienx jghinha fil-bzonnijiet tat-tarbija.

Illi l-attrici tkompli tghid li finanzjarjament kienu batuti f'dan il-perjodu, u li l-konvenut kien qed jghajjat maghha kemm quddiem il-familjari taghha u anke barra.  Meta kienet tqila bit-tieni tarbija, hu kien baghatha Malta biex tissorvelja l-bennejja li kienu qed jahdmu fid-dar taghhom, post li kien qed jaqa' u kollu trab u hmieg, sabiex meta jirritorna mill-kors li kien qed jaghmel kien isib kollox lest.  Meta kienet iccempillu qatt ma staqsieha kif kienu hi u t-tarbija.

Illi meta l-attrici regghet irritornat l-Ingilterra kien igieghlha tmur l-Universita ta' hemmhekk mieghu flimkien mat-tarbija biex tassistih fit-tezi tieghu, u ma kienx japprezza dak li kienet taghmel mieghu.  Hu dejjem qies l-esigenzi tieghu u qatt ma haseb fil-bzonnijiet taghha u tat-tarbija. Meta t-tfal bdew jitfarfru beda jara l-ispejjez taghhom bhala zejda u kien *"jhezzizha"* meta tonfoq xi haga ghalihom.  Pero' ghall-alimenti biex jibni l-*physique* tieghu ma kienx joqghod lura.

Illi meta rritornaw Malta hu qataghha mill-familja taghha u hbiebha, u ried ikun jaf dwar kull sold li tonfoq, u kien anke jghajjat maghha, jheddidha, jhezzizha u jaghtiha xi daqqa wkoll.

Illi l-konvenut kien kontinwament jiggieled ma' membri tal-familja tieghu (Salvina u Kola). Hu kien gieghel lill-attrici biex tapplika ghall-kors fl-Universita ta' Malta biex ikollu garanzija li hi kienet ser twasslu ghax-xoghol kuljum, u hu

kien izomm lit-tifla fl-ufficcju tieghu u kien jittraskuraha. Il-konvenut ftit kien jimpurtah mit-tfal, ghax skond hu dawn kienu responsabbilta` tal-mara.

Illi l-attrici tispjega wkoll li hu kien jheddidha bil-ponn ma' rasha, jew igebbdilha xagharha. Issemmi li f'okkazjoni minnhom kienet gibditlu l-attenzjoni li kien qed imiss lit-tifel mhux kif suppost, jigifieri jmellsu minn quddiem u wara sal-parti tieghu, u hu kien taha daqqa fuq daharha u gidimha fuq idha l-leminija, u kellha tbengila li anke ohtha kienet ratha. Lit-tfal ma kienx ihalliha tohroghom mid-dar, u hu baqa' ma jghinhiex fil-bzonnijiet tad-dar. Qatt ma kellu prudenza lejn hadd u ried li kullhadd jaqdih.

Illi tkompli tghid l-attrici li hu kien waqqfilha l-access ghall-kont fejn kienet tidhol il-paga tieghu, b'mod li ma kellhiex flus biex tghix.

Illi lill-minuri C l-attrici tghid li anke meta dan kien ghadu minuri tat-twelid hu kien jilghaqlu saqajh kollha, minn subghajh sal-parti tieghu u meta kienet tikkoregih kien jimbuttaha u jkompli. Ken dejjem joqghod gharwien jew bil-qalziet ta' taht anke fil-prezenza tat-tfal u tal-genituri taghha, u kien juri lill-minuri C x'kien ikun hemm fit-toilet wara li hu (l-konvenut) kien ikun uzah. Tghid ukoll l-attrici illi l-konvenut kien joqghod iqabbel id-daqs tal-parti privata tieghu ma' dik tal-minuri.

Illi l-attrici tkompli tirrakkonta dwar dak li t-tfal kienu jghidulha li missierhom qed *"jghallimhom"* jaghmlu meta hu kien jezercita l-access tieghu fil-mori ta' din il-kawza, bhal per ezempju jispjunaw mill-*keyholes.* Li waqt il-hinijiet tal-access il-missier kien qed jghajjat maghhom, ihallihom bil-guh u li qed imorru lura ghandha mahmugin, b'*rashes* u anke feruti. It-tifla ta' spiss jirritornaha b'xufftejha minfuhin jew b'xi gundalla.

Illi l-attrici tikkonkludi li hu baqa' jghajjat maghha sa l-ahhar u akkuzaha li tiffroda u taghmel affarijiet immorali. F'okkazjoni minnhom ghajjat lit-tifla fil-kamra waqt li kien qed jimmasturba, u kien b'xorti tajba li hi [l-attrici] hargitha mill-kamra ezatt. Il-konvenut kien qal lill-attrici li kien qed

jahseb fiha (fl-attrici) gharwiena u affarijiet imbarazzanti ohra. Darba kien ghajjat lit-tifla biex tara t-toqba tal-patata ta' huha u mbotta lill-attrici meta kkoregietu. Dawn l-affarijiet hi kienet qalithom quddiem l-Imhallef fis-Sekond' Awla u l-konvenut ma kienx cahadhom u kien hemm l-avukata tieghu xhud.

Illi l-konvenut qed jaghti struzzjonijiet lit-tfal biex ma jghidu xejn lil ommhom ta' x'jigri meta jkunu mieghu, u hu jittraskura lit-tfal anke meta jkunu f'xi periklu, u ma jghaddix *quality time* maghhom. Illi t-tfal ikunu mdejqin fil-hin tal-access u mhux l-ewwel darba li jibku biex imorru lura ghandha.

Illi minn-naha tieghu l-**konvenut** xehed ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit, u fil-fatt ipprezenta tliet affidavits u huwa jsostni li minkejja kollox iz-zwieg tieghu ma' l-attrici kien wiehed felici ghalkemm bhal kull zwieg iehor kellu l-problemi tieghu. Jghid illi fil-bidu taz-zwieg taghhom meta kienu qed jghixu barra minn Malta kellhom diffikultajiet finanzjarji, u li l-hin liberu limitat li kellhom kienu jqattghuh flimkien, specjalment fil-*weekends* u wara x-xoghol. Il-konvenut jammetti li kien impenjat hafna b'xoghlu, pero` dejjem pogga l-bzonnijiet tal-mara u tat-tfal l-ewwel u qabel kollox.

Illi hu ried li jistabbilixxi ruhu sew fix-xoghol tieghu sabiex jassikura l-ahjar futur ghall-familja tieghu. Illi hu dejjem ippartecipa fit-trobbija taghhom u meta l-attrici ddecidiet li tibda kors l-Universita`, beda jaddatta l-hinijiet tal-*lectures* li kien jaghti sabiex ikun jista' jiehu hsieb it-tifla waqt li martu tkun ghall-*lectures*. Dwar ir-relazzjoni tieghu ma' l-attrici f'ghajnejh kienet wahda pozittiva u l-affarijiet bejniethom kienu sejrin sew u kienu jghinu u jappoggjaw lil xulxin. L-attrici qatt ma ndikatlu mod iehor jew qaltlu li ma kenitx kuntenta. Il-konvenut esebixxa dokumenti miktuba minn martu ftit gimghat qabel hi ddecidiet li tissepara, fejn qaltlu li kienet thobbu hafna, li thoss in-nuqqas tieghu l-hin kollu u li kienet kburija bih, u li l-hajja minghajru tkun insopportabli. Illi ghalhekk kien ixxukkjat meta sar jaf minghand martu li kienet marret ghand

avukat sabiex jinbdew il-proceduri ta’ separazzjoni personali.

Illi huwa jallega li ghamel minn kollox biex isalva z-zwieg u anke attenda ghal sessjonijiet ta’ *counselling* izda l-attrici ma riditx turih b’dak li jien qed idejjaqha. Illi fil-bidu l-attrici kienet indikat problemi ta’ bejniethom konsistenti f’traskuragni da parti tieghu, li ma kienx romantiku u fatturi ohra li setghu jigu meghluba, izda aktar ’il quddiem qajmet allegazzjonijiet godda ta’ vjolenza da parti tieghu, li kien jabbuzaha u partikolarment li kien jabbuza mit-tfal. Illi dawn l-akkuzi hassru kull possibbilta` li kien hemm li z-zwieg jigi salvat. Il-konvenut cahad kategorikament l-allegazzjonijiet avvanzati minn martu. Jghid sahansitra li huwa kien hassu sorpriz meta rcieva ittra mill-Avukat Christopher Grima ghan-nom ta’ martu fejn din kienet talbet is-separazzjoni personali minn mieghu.

Illi sabiex jasserixxu l-verzjonijiet rispettivi taghhom iz-zewg partijiet ipprezentaw ukoll numru sostanzjali ta’ affidavits u xhieda *viva voce* in sostenn tal-verzjoni taghhom, u saru diversi kontro-ezamijiet ta’ dawn ix-xiehda, liema xiehda voluminuza giet ukoll ezaminata b’dettal minn din il-Qorti. Pero’ wiehed jinnota li kwazi kull xhud pprezentat minn kull parti kien intenzjonat mill-partijiet sabiex isostni l-verzjoni tieghu w hawn il-Qorti thoss li ghandhom jigu kkonsidrati mezzi u regolamenti, jekk mhux ukoll ligijiet dwar kif ghandhom isiru l-affidavits, ghaliex din il-Qorti thoss li certament qed isir abbuz minn din il-procedura.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-attrici bhala ragunijiet ghall-objjettiv taghha li titlob il-firda personali tallega li l-konvenut zewgha kien hati lejha ta’ mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi b’mod li l-hajja konjugali ma baqghetx aktar possibbli, u *inoltre* li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Min-naha tieghu l-konvenut jattribwixxi htija fl-attrici ghat-tkissir taz-zwieg ghalkemm huwa jghid aktar minn darba li huwa ghalih iz-zwieg kien wiehed normali u kien sorpriz kif fil-fatt l-attrici wasslet sabiex tinsisti b’determinazzjoni ghal din il-firda personali.

Illi f'din il-kawza, bhal diversi kazi bhal dawn, l-parti l-kbira tal-fatti li jirreferu ghalihom il-partijiet sehhew bejn l-erba' hitan tar-residenzi diversi li kellhom il-partijiet, fosthom barra minn Malta, u fejn ftit li xejn kien hemm xhieda (eskluza x-xhieda bi kliem haddiehor kopjuza li giet prodotta) li setghu kkorroboraw verzjoni aktar minn ohra, dan kien jirrikjedi ezami mhux facli.

Illi kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **"Giovanna Rosa Farrguia vs Salvatore Farrugia"** deciza fis-7 ta' Marzu 1919:-

*"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civile* (illum artikolu 565 tal-Kapitolu 12*) e` da accogliersi colla medesima cautela e circospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell'interesse manifesto del deponente, puo` inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e` pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo` raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazzione personale dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domestice ..."*

Illi in vista ta' dak li ghadu kif inghad, din il-Qorti trid necessarjament tkun iggwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament li ghandu jkun oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari u bbazat fuq principji legali civili bhal dawk dwar kredibilita` u verosimiljanza, liema principji jassumu mportanza kardinali f'kaz bhal dan meta ghandek il-partijiet, zewg persuni b'edukazzjoni terzjarja, li f'certu sens qed jaghtu zewg verzjonijiet kompletament opposti ghal xulxin.

Illi kif jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"** deciza fl-24 ta' Novembru 1966:-

*“Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.”*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“George Bugeja vs Joseph Meilak”** (P.A. (T.M.) deciza fit-30 ta’ Ottubru) inghad illi:-

*“Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.  Dan fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet, sostrat baziku ta’ azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta’ dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.”*

Illi fis-sentenza **“Farrugia vs Farrugia”** hawn fuq citata inghad illi:-

*“mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ in dubio pro reo.”*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Aquilina vs Farrugia”** deciza fit-28 ta’ Gunju 2001 inghad illi:-

*“fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosomiljanza hija forma ta’ korroborazzjoni.”*

Illi jinghad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem min ghandu jiddeciedi u ghalhekk quddiem din il-Qorti huwa fattur ukoll importanti sabiex wiehed jara jekk dak li

xhud ikun qieghed jghid ghandux mis-sewwa jew le. Dan huwa ta’ mportanza massima u partikolari f’kawzi delikati bhala dawk ta’ separazzjoni, li l-procedura nnfisha hija hafna drabi trawma ghall-partijiet u sfortunatament anke ghall-ulied l-istess partijiet. F’dan il-kaz, fejn din il-Qorti kienet il-hin kollu ndirizzata b’numru ta’ rikorsi u talbiet dwar l-access tat-tfal u l-komportament ta’ l-istess mill-genitur jew iehor, il-mod kif imxew il-partijiet waqt il-kawza huwa ta’ mportanza partikolari u massima. Din il-Qorti kellha opportunita’ ta’ aktar minn darba sabiex tosserva l-atteggjament u l-attitudini tal-partijiet lejn din il-kawza, u jiddispjaciha tghid li l-pika li hemm bejn il-partijiet u anke l-familjari taghhom hija wahda ghal kollox eccessiva u esegerata. Il-hasra hija li l-aktar li saret hsara kienet fuq l-ulied apparti dak li ser jinghad aktar ’il quddiem f’din is-sentenza.

Illi kif gja’ nghad, f’din il-kawza l-attrici addebitat il-mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi bhala l-addebiti li l-konvenut irrenda ruhu hati taghhom lejha u li wasslu ghal din is-separazzjoni. Il-konvenut cahad dan kollu, anzi addebita lil martu l-htija ghal din is-separazzjoni ghalkemm huwa jghid li sa ma l-attrici bdiet il-proceduri ta’ separazjoni huwa qatt ma bassar li l-kaz taghhom kellu jasal s’hawn, ghaliex skond huwa kienu qed jghixu bhala familja normali, bid-diffikultajiet iva, izda mhux sal-punt li qatt kellhom jaslu sabiex jinfirdu.

Illi *in linea* generali din il-Qorti tibda biex jghid illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Elisa Thompson vs Edward Thompson”** deciza fit-12 ta’ Mejju 1925:-

*“perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale.”*

Illi hekk ukoll jinghad fis-sentenza riportata fil-volum **Vol. XLVI P II p 638** meta jinghad illi:-

*"hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni"* (**Vol. XLVI P II p 638**), *"purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali"* (**Vol. XXVI P II p 110**);

Illi nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Caterina Agius vs Benedict Agius"**, deciza fit-13 ta' Gunju 1967 illi:-

*"Il-ligi tqiegħed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' mportanza minuri."*

Illi din il-Qorti ezaminat ix-xhieda kollha prodotta f'dan ir-rigward u thoss li a bazi tal-provi prodotti ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali almenu fejn l-istess jindika u jirrelata li l-verzjoni attrici dwar ir-responsabbilta' tal-firda minhabba l-attitiduni tal-konvenut ma setghatx tigi akkolta *stante* li skond huwa gie nnotat *"li jezisti certu element ta' kontradizzjoni fil-verzjoni attrici. L-attrici telenka diversi episodji fejn tghid li l-konvenut ma kienx iqisha bhala s-siehba ugwali tieghu fiz-zwieg, anzi ma kien japprezza xejn minn dak li kienet taghmel mieghu u kien juzaha biex taqdih fil-htigijiet tieghu. Izda fl-istess hin f'Ottubru 1999 baghtitlu e-mail fejn qaltlu "I love you a lot. I miss you all the time and I cannot wait to be with you again" (Dok. "JNG-XXX"). Hekk ukoll f'Settembru 2000 l-attrici baghtet e-mail liz-zijiet tal-konvenut fejn qalet kemm kienet kburija bih (Dok. "JNG-XXX-II"). L-istess ukoll f'Lulju 2001 fejn baghtitlu card bil-kliem "Life would be unbearable without you". Fir-rigward ta' dawn il-kitbiet u ohrajn, l-attrici kkonfermat li l-ittri kienu miktuba bil-kitba taghha izda tghid li ma tistax tikkonferma l-e-mails peress li l-konvenut kellu access ghall-account taghha u dawn setghu gew irrangati. Izda din il-Qorti thoss li huwa sinifikanti li l-attrici, ghalkemm ippruvat tohloq dubju dwar l-awtenticita` ta' l-e-mails, fl-istess nifs ma tichadx li kienet hi l-attrici ta' dawn id-dokumenti."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti kulma dan jipprova huwa kemm l-attrici kienet thobb lill-konvenut u li minkejja dak kollu li ghaddiet minnu baqghet thobbu dejjem bl-

isperanza li l-istess konvenut jibda japprezza r-rwol tieghu fil-familja, haga li huwa mhux biss qatt ma ghamel izda kompla ghaddej bl-attitudini tieghu ta' arroganza u dominanza totali. Dan l-atteggjament baqa' sejjer matul il-kawza, anke minhabba li l-istess konvenut, kif *di piu'* jammetti huwa stess, ma setax jaccetta l-fatt li l-attrici kienet hadet decizjoni li assolutament kellha tissepara minn mieghu, proprju ghaliex skond hija ma felhitx izjed tkun dominata u meqjusa bhala persuna nferjuri ghall-istess konvenut.

Illi fil-fatt wara li ezaminat il-provi kollha prodotti din il-Qorti jirrizultalha li l-attrici rnexxielha tipprova li l-konvenut kien iddominaha f'kollox, tant li l-hajja taghhom, kemm qabel iz-zwieg, kemm fil-mument taz-zwieg u anke wara, kienet biss ikkunsidrati fl-optika u fil-lenti biss ta' x'kellu bzonn il-konvenut sabiex ikompli l-istudju tieghu u fl-ahhar dwar il-hajja akkademika tieghu fl-Universita' ta' Malta. Jidher li l-istess attrici, anke b'uliedha kienet lesta u fil-fatt issagrifikat ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, sabiex dan jilhaq l-ghan tieghu, tant li kienet kostretta tmur tghix mieghu barra minn Malta, tahseb ghall-bzonnijiet tieghu, kemm akkademici u kemm ghall-bzonnijiet ta' kuljum. Sahansitra baqghet ghaddejja hekk waqt li kienet tqila, u tatu appogg sabiex huwa jiggradwa barra minn Malta, ilesti l-*assignments* tieghu kif ukoll jakkwista altiment post akkademiku hawn Malta.

Illi fil-kors ta' dan kollu ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li mill-provi prodotti l-istess attrici kienet lesta li taghmel dan ghaliex kienet verament thobb lill-konvenut, u ssoggettat lilha nfisha ghal diversi azzjonijiet degredanti min-naha tieghu. Fost dawn wiehed isemmi li hija kellha bilfors toqghod ghall-ordnijiet ta' zewgha, fejn huwa wera lilu nnifsu bhala dominanti ghal kollox fil-konfront taghha, u kien japplika biss dak li jghid hu. Ghall-konvenut jidher li l-unika passjoni u skop tieghu kienu l-istudju u l-gradwazzjoni tieghu kif ukoll il-*benessere* in generali tieghu, filwaqt li ghall-affarijiet tal-hajja u ta' wliedha kellha thabbat wiccha maghhom biss l-attrici. Kif gie ppruvat, kull meta l-attrici ma taghmilx ezatt dak li jghid il-konvenut, dan kien jinfexx f'ghajjat u theddid kemm fil-konfront

taghha kif ukoll ma' niesha. Dan gara kemm meta jkunu wahedhom, kif ukoll meta jkun fil-prezenza ta' terzi. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-agir tal-konvenut kien aktar abbuziv meta wiehed iqis li huwa kien konxju tal-fatt li l-attrici minhabba l-familja ssagrifikat l-istudji taghha, kellha thalla pajjizha sabiex tghinu fl-istudju li kellu. Il-konvenut ma setghax ma jhoss li l-attrici kienet thobbu ghaliex dan esprimietu kemm bil-fomm u kemm bil-kitba li huwa stess esebixxa.

Illi dan l-atteggjament tal-konvenut ma kienx ristrett ghal meta l-partijiet kienu wahedhom, ghax mix-xhieda li pproduciet l-attrici, fosthom ta' hutha u l-genituri taghha hareg mill-aktar mod car u konsistenti li f'diversi okkazjonijiet il-konvenut wera kemm felah arroganza ma' martu billi jiksirha quddiem terzi persuni. F'dan is-sens wiehed jirreferi ghall-affidavit ta' l-attrici u l-familjari taghha kollha esebiti b'nota tal-21 ta' Jannar 2003. Din il-Qorti thoss li minn din ix-xhieda kollha jidher car li l-konvenut agixxa ma' martui b'mod ghal kollox kattiv u krudil, manifestat l-aktar bid-dominju li huwa uza fuqha fejn dejjem insista li jfittex l-interessi tieghu qabel u fuq kollox, kemm f'dak li huma pjaciri u kif ukoll fi studju, u anke gratifikazzjonijiet ohra, li din il-Qorti ser tirreferi ghalihom aktar 'il quddiem

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Victoria Camilleri li kient habiba taz-zewg partijiet, li sa minn meta l-attrici kienet l-Ingilterra u anke wara li giet Malta fl-2000 hija kienet tiftah qalbha maghha dwar is-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha, u dan kienet taghmlu bil-mohbi tal-konvenut ghaliex litteralment kienet tibza' minnu. Dan huwa kkorroborat minn xhieda ta' persuna ohra meqjusa bhala habiba taz-zewg kontendenti, u cjoe' ta' Hilda Anne Farrugia. Din min-naha taghha kkonfermat li kellu vizzju li jghajjat u jbaxxi lil martu anke quddiem terzi persuni. Fuq dan il-punt l-istess xhud tghid hekk:-

*"The worst thing about Joseph's attitude is that he was oblivious of how bad the situation was. When I sent him an e-card fot his birthday and I said: "There is more to life than Chemistry and University. Take care not to lose it*

*before its too late". He simply ignored it and thought I was referring to my life rather than his."*

Illi ma' dan wiehed jista' jzid ix-xhieda ta' Vincent Davies fejn jispjega kif ra huwa r-relazzjoni tal-konvenut ma' l-attrici meta l-istess kienu jghixu gewwa l-Ingilterra. Dan ix-xhud spjega l-mod kif l-attrici kienet tghin lill-konvenut sahanistra fl-istudju tieghu u ddeskriva lill-konvenut bhala bniedem li totalment ried jiddomina lil martu, billi qal:-

*"He* (il-konvenut) *exuded what we call the Southern European ethos – "I am the master of the house and you do as I say."*

Illi l-istess xhud kompla jispjega l-kundizzjonijiet li l-istess familja kienet kostretta tghix tahthom sabiex il-konvenut jiggradwa fejn l-attrici kienet mistennija minnu li tlesti kollox kemm ghalih u kemm ghat-tfal minghajr ebda ghajnuna minghand u (il-konvenut). Dan ix-xhud jghid li kien spiss ikun imbarazzat meta l-konvenut kien jitkellem ma' martu quddiemu b'ghajjat u b'ton belligeranti. L-istess xhud kompla:-

*"He indulged in shouting and screaming … … Husbands do not usually sream at their wives in front of a third party. At D's Christening party I was sickened by the shouting and creaming because Joseph did not think the buffet good enough. I was horrified."*

Illi x-xhud jikkontradixxi wkoll lill-konvenut fix-xhieda tieghu meta jghid li huwa ra u sema' lill-istess konvenut f'diversi okkazjonijiet jirrabja ma' zitu u ma' zijuh, u sahansitra fejn gieli anke kien aggressiv lejn il-genituri ta' l-attrici.

Illi fil-fatt din il-Qorti hija tal-fehma li l-provi mressqa jindikaw li l-konvenut kien kompletament mehdi bid-dinja tieghu ta' studju, bil-kors fl-Universita u sabiex izomm l-persuna tieghu sew b'tahrig fil-*gym.* Fil-fatt kien ihobb juri l-persuna tieghu anke f'hinijiet u f'sitwazzjonijiet li din il-Qorti thoss li mhumiex addattati ghall-missier ta' familja. Pero' minn dan kollu l-istess konvenut lanqas biss kien

konxju tal-hsara li kien qed jaghmel lil martu u li bl-egoismu tieghu huwa kien kompletament qed jonqosha u jweggaghha.

Illi dak li nghad mix-xhud Hilda Anne Farrugia ironikament gie wkoll ikkonfermat mill-istess konvenut meta qal li kien sorpriz li l-attrici talbet is-separazzjoni. Dan minnha nfisha turi kemm l-istess konvenut kien maqtugh mir-realta', ghax lanqas biss kien konxju tal-hsara kollha li huwa stess kien kontinwament qed jikkawza lil martu bl-attitudini dominanti, ta' disprezz u vessatorja tieghu lejha. Fl-ahjar ipotesi ma kienx jimpurtah dment li l-istess attrici, b'xi mod kienet takkomodah, u dan seta' jsehh biss sakemm din kienet tghix mieghu.

Illi pero' meta huwa rrealizza li l-attrici ma kinitx lesta li tibqa' tghix taht dawn il-kundizzjonijiet u hekk sottomessa ghalih, anzi telqet tghix ghal rasha, kien ta' xokk qawwi ghalih. Huwa ghamel sforz iddisprat biex jipprova jipperswadiha sabiex tbiddel id-decizjoni taghha u taha kelmtu li jinbidel. Huwa wera x-xewqa wkoll li bhala koppja jmorru ghall-*counselling,* fil-*maggior* parti ghand hbieb tieghu. Izda meta ra li l-attrici assolutament ma riditx taf b'dan ghaliex hija litteralment kienet tilfet kull fiducja fih, huwa biddel it-tattika u jidher li t-tentattivi tieghu billi beda jallega li l-attrici kienet mentalment instabbli. Sahanistra mar ghand psikjatra sabiex jinkoragixxi li martu tigi ezaminata minnu. Mhux hekk biss, izda wkoll hareg bit-teorija li martu kienet influwenzata mill-genituri taghha taghmel dan il-pass ghaliex huma kienu dejjem kontra li din tizzewgu.

Illi pero' dan l-argument tal-konvenut mhux biss ma jreggix izda wkoll huwa kontradett mill-fatt li anke meta kien hemm oggezzjoni ghall-ghaqda fiz-zwieg bejnu u l-attrici, din qatt ma semghet mill-genituri taghha, anzi marret u ghamlet l-oppost tal-parir taghhom u mhux biss baqghet tohrog mal-konvenut, izda zzewgitu u segwietu kull fejn kien hemm bzonn sabiex jilhaq l-ghanijiet akkademici tieghu, sahansitra anke barra minn Malta. Allura dak li kkonvinca lill-attrici li ma setghatx tkompli bil-hajja taghha mal-konvenut kien biss l-agir irresponsabbbli

tieghu lejha u l-egoismu sfrenat tieghu, fejn kien jimpurtah biss minnu nnifsu u xejn izjed, tant li ghamel minn kollox sabiex izomm lill-attrici taht id-dominanza tieghu. Kull meta l-attrici kienet b'xi mod tirribella kien jinfexx f'tghajjir u abbuzi ohra li din il-Qorti tindika d-diskrezzjoni taghha fix-xhieda ta' l-attrici u x-xhieda minnha prodotta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi u wara li ezaminat fir-reqqa l-provi kollha prodotti, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-attrici kellha ragunijiet sufficjenti u bbazati fuq il-ligi sabiex titlaq mid-dar konjugali. Dan minhabba li hija kienet qed tigi maltrattata severament mill-konvenut li kien anke jheddidha fuq il-kura u l-kustodja tat-tfal, u sabiex jipperswadiha biex tibqa' mieghu minflok fittex attitudini naqra aktar sottili, beda litteralment ihammeg apposta kull fejn kien ikun u jinkoragixxi lit-tfal sabiex jaghmlu l-istess, sabiex jivvessa u jipprovoka lil martu. Dan kollu ghaliex ma setax jaccetta s-sitwazzjoni li huwa kien holoq ghalih innifsu u ghall-familja tieghu. Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet indikati mill-attrici, b'dan li l-istess separazzjoni sehhet b'tort uniku tal-konvenut.

Illi f'dan il-kuntest jirrizulta wkoll lill-Qorti li l-komportament ta' l-istess konvenut fid-dar ma kienx wiehed ezemplari ta' missier, fejn jidher li mhux l-ewwel darba li kien joqghod gharwien jew bil-qalziet ta' taht biss quddiem it-tfal. Skond ir-rapport ta' l-Ispettur Louise Vella, ipprezentat b'nota ta' l-Assistent Kummissarju Michael Cassar datat Frar 2003 a fol. 113 tal-process, jirrizulta li l-konvenut kien sahansitra juri l-partijiet personali tieghu lil uliedu u anke jikkumenta fuq l-istess. Dan apparti li kien jaghmel kummenti fuq dak li kienu jaghmlu fil-kamra tal-banju. Dwar dan din il-Qorti tirreferi anke ghall-prudenza, ghal dak li xehdet l-attrici f'dan ir-rigward u wkoll ghall-konkluzjonijiet ta' l-istess investigazzjonijiet tal-pulizija, fejn l-Ispettur Louise Vella wara li qalet li omm il-minuri ma nsistitx fuq azzjonijiet kriminali kontra zewgha, qalet is-segwenti:-

*"On the 15th January 2003 Ms Grima called again at the undersigned's office together with her minor children. It*

*was noted that both children were too young to be interviewed about the allegations. Nevertheless they spoke out voluntarily about the acts in the bathroom. C also explained his father's genitals as compared to his. At one time he expressed that he did not love his father because his father was selfish". During the session the children did not appear disturbed with what they were saying. Actually they were smiling and laughing at all times.*

*From the investigations carried out by the Vice Squad, it can be concluded that the acts committed by Mr. Joseph Grima in the presence of his two minors children do not amount to any abuse."*

Illi a bazi ta' dan ir-rapport l-Assistent Kummissarju kkonkluda *"from investigations made so far no criminal offences came to light, particularly since there does not seem to be any 'mens rea' on the part of Dr. Grima."*

Illi din il-Qorti, bla ma tidhol fil-kamp tal-ligi kriminali, li certament mhux kompetenza taghha, thoss li anke minn dan ir-rapport biss jirrizulta minn font oggettiv li l-komportament tal-konvenut ma' wliedu certament mhux wiehed idoneu, u din il-Qorti zgur tonqos minn dmirha jekk ma turix id-disapprovazzjoni taghha lejn l-atti kommessi fil-prezenza tal-minuri, li jirrizulta minn dan ir-rapport li gew esegwiti mill-missier. Anzi thoss li l-istess atti huma skoncertanti ghall-ahhar u taht ebda cirkostanza ma ghandhom isiru quddiem l-ulied, specjalment minn missierhom stess, l-aktar meta qed nitkellmu fuq tfal ta' eta' daqshekk zghira, bhalma huwa l-kaz odjern.

Illi din il-Qorti tinnota li dan ir-rapport u dak li rrizulta lill-pulizija mill-istess investigazzjonijiet ma gew bl-ebda mod indirizzati mill-esperta nominata mill-Qorti diversament presjeduta. Dan in-nuqqas huwa fuq kollox sorprendenti meta wiehed jikkonsidra li l-inkarigu moghti lill-istess esperta minn din il-Qorti, anke diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia, kien proprju intiz sabiex tinvestiga dawk li gew deskritti bhala allegati abbuzi ta' natura sesswali mill-omm – b'referenza ghal

dak indikat minnha fix-xhieda taghha u li gie kkonfermat mir-rapport tal-pulizija msemmi bhala fatt. Fil-verita' mkien mill-istess rapport ta' Dr. Roberta Attard ma hemm xi riferenza ghar-rapport tal-pulizija esebit fl-atti. In effetti lanqas hemm referenza ghad-dettalji ndikati mill-attrici li l-konvenut kien jaghmel quddiem it-tfal, atti li gew ikkonfermati mill-pulizija bhala li sehhu, minkejja li l-awtoritajiet sostnew li dawn ma jammontawx ghall-azzjonijiet ta' natura kriminali minhabba dak li fil-konkluzjoni ta' l-istess pulizija gie deskritt bhala *"nuqqas ta' mens rea da parte tal-konvenut"*.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kollha din il-Qorti thoss li huwa wkoll taht dan l-aspett li ghandu jigi ezaminat allura r-rapport ta' l-imsemmija psikologa, liema rapport ma indirizzax l-ezistenza manifesta ta' dawn l-atti kkonfermati mir-rapport tal-pulizija, anke jekk l-istess atti skond l-istess esperta, jidher fortunatament li ma hallewx sintomi psikologici negattivi *per se* fuq l-istess minuri. Pero' ma hemm l-ebda dubju li l-glieda bejn il-partijiet, u l-mod kif involvew lill-ulied f'din il-pendenza, konxjentosament jew inkonxjentosament, xorta halla effett negattiv immens fuq l-istess ulied, aktar specjalment bil-mod kif dawn gew maqsuma bejn l-istess genituri. Dan jirrizulta anke mir-rapport interim ta' l-istess esperta kif ukoll mir-rapport finali taghha, anke lil hinn mill-konsiderazzjonijiet ta' l-allegat abbuz.

Illi ma jistax jonqos li dan kollu holoq ansjeta' bejn il-partijiet, kif ukoll li l-istess ulied ippruvaw jikkuntentaw lill-genituri taghhom, aktar u aktar meta dawn hassew il-konfrontazzjoni estrema bejn il-genituri taghhom. Bla dubju l-agir tal-genituri jinfluwenza sew lill-ulied, u skond l-esperta psikologika dan japplika partikolarment ghal-minuri C, specjalment meta mill-mod kif dan jesponi n-nuqqasijiet ta' missieru, u mill-espressjoni ta' wiccu jirriflettu ezatt it-ton ta' ommu u tan-nanna materna tieghu meta dawn kellmuha fuq l-allegati nuqqasijiet tal-konvenut.

Illi gie allegat li l-omm kienet qed turi ansjeta' zejda fuq l-istess ulied, u din l-ansjeta' giet fil-fatt kritikata. Din il-

Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta ulterjormanet fuq dan ghaliex in vista ta' dak li rrizulta fil-motivazzjoni ta' din is-sentenza din il-Qorti thoss li l-ansjeta' ta' l-attrici kienet f'postha. Apparti minn dan huwa zgur ukoll li l-konvenut ukoll ghadda minn mumenti ta' tensjoni, hafna minnhom mahluqa minnu, u ohrajn ikkawzati mit-trawma tas-separazzjoni. Giet ikkawzat wkoll tensjoni minhabba l-arrangament dwar l-access, li minnu nnifsu kien skabruz ghall-istess ulied. Din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma thoss li dan ghandu jigi sewgit, partikolarment in vista tal-konkluzjonijiet dwar ir-responsabbilta' tas-separazzjoni, il-mod kif il-konvenut agixxa ma' wliedu, kif ukoll in vista ta' l-inkonvenjenza manifestata u l-hsara li qed issir lill-minuri anke minhabba l-istess access fejn it-tfal huma maqsumin min-nofs. Dan zgur ma ghandux isehh u lanqas ghandu jkompli jsehh. Dan fil-fatt huwa sopportat mill-konkluzjonijiet ta' l-imsemmija psikologa, anke jekk l-istess ma ndirizzatx l-atti tal-konvenut fuq deskritti li irrizulta lil din il-Qorti li sehhew tassew.

Illi dwar dak li xehed ir-**Reverendu Dr. Paul Galea**, prodott mill-konvenut, din il-Qorti taqbel ma' l-aggravju ta' l-attrici dwar l-istess allegati *tests* kompjuti mix-xhud, inkluz li l-konvenut seta' mmanipula r-risposti bil-mod li t-*test* gie kondott. Ghalhekk din il-Qorti taqbel f'dan is-sens mal-konkluzjonijiet tal-perit legali li l-allegazzjonijiet attrici dwar l-istess huma *ben fondati* u jimmeritaw li jigu akkolti, u ghaldaqstant din il-Qorti bhal Perit Legali ma hi qed taghti l-ebda piz lir-rizultanzi tieghu sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Illi ghall-korrettezza jinghad li sabiex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni kemm dak li ntqal aktar 'il fuq, kif ukoll ir-rapporti kollha pprezentati quddiemha, inkluz dak tat-**Tabib George Grech**, prodott mill-konvenut.

Illli minn dawn ir-rapporti jirrizulta li l-partijiet kellhom zewg ulied minn dan iz-zwieg – C u D, li t-tnejn ghadhom minuri. Is-sitwazzjoni attwali dwar l-access fir-rigward ta' l-istess hi regolata bil-mod segwenti skond id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u cjoe' li l-kura u kustodja hi

fdata lill-attrici b'access favur il-missier mill-4:30 p.m. sas-7:30 p.m. mit-Tnejn sal-Gimgha, u darba fil-*weekend* mit-3:00 p.m. sa l-10:00 p.m.

Illi miz-zewg rapporti tal-psikologa Dr. Roberta Attard, jirrizulta li l-attrici hi bniedma li tesprimi mhabba kbira lejn it-tfal, li hi ddedikata hafna ghall-kura u ghall-harsien taghhom, li t-tfal juzawha bhala *secure base* taghhom, u li l-istess attrici hi ntiza hafna dwar id-dixxiplina, edukazzjoni, loghob u stimulazzjoni taghhom.

Illi l-istess psikologa kkonkludiet ukoll li l-ulied ifittxu lill-missier u jduru lejh ghall-ghajnuna u sigurta' meta jsibu ruhhom f'sitwazzjoni gdida li tista' tkun kawza ta' ansjeta' ghalihom. Illi l-missier juri mgieba empatika hafna maghhom u f'dawn is-sitwazzjonijiet is-sens ta' kapacita' taghhom terga' tigi lura. Huma jilaghbu mieghu minghajr biza' u b'hafna ferh u, waqt il-loghob, missierhom juri mgieba addattata ghall-eta` taghhom. Jaf izommhom kuntenti u okkupati ghal certu tul ta' zmien u huma jistiednuh sabiex jippartecipa fil-loghob taghhom. Jidher ukoll li jipprova jipprotegihom minn affarijiet li jistghu jkunu ta' dannu ghalihom. Dan kollu huwa pero' suggett ghar-rizultanzi ndikati f'din is-sentenza fejn il-Qorti tikkonferma bl-aktar mod kategoriku li l-provi attrici huma tali li jwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali necessarju u skond il-ligi, sabiex jigi ddikjarat u deciz li dak allegat mill-attrici dwar il-komportament tal-konvenut ma' wliedu gie sostanzjalment u effettivament ippruvat, u jinsab ikkorroborat minn xhieda u senjatament mir-rapport tal-pulizija fuq riferit.

Illi Dr. Roberta Attard irrakkomandat ukoll li jekk l-ulied ikunu jirrisjedu ma' genitur wiehed, il-genitur l-iehor ghandu jkollu access frekwenti kemm jista' jkun, u li possibbilment il-hinijiet ta' l-access tal-missier ma jkunux ridotti. Dan ser jigi attwat pero' fid-dawl tac-cirkostanzi u rizultanzi odjerni, li huma tali li jimponu fuq il-Qorti li fl-interess tal-minuri dawn ghandu jkollhom residenza sigura ghall-hajja taghhom. Dan apparti l-protezzjoni li din il-Qorti ghandha l-obbligu li taghti lill-minuri fl-ahjar interess u ghall-gid suprem taghhom.

Illi l-principji regolaturi fil-materja, kif enuncjati fis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **“Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett”**, (P.A. (RCP) - 11 ta’ Dicembru 2003) huma illi l-kura u l-kustodja tat-tfal ghandha tigi affidata lil dak il-genitur li jkun l-aktar idoneju sabiex jedukahom u jikkurahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi tal-kaz – taht dawk il-provvedimenti li jitqiesu bhala l-aktar spedjenti ghall-vantagg ta' tali tfal u dan dejjem fl-interess ta’ l-istess minuri.

Illi apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti *in subjecta materia* huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u *de facto* li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut.

Illi fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, *eppure* l-istess m'ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett tat-tfal.  L-istess bhalma m’ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anke jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita` li lilha jkun jappartjeni.  Meta l-ghajn tar-raguni, (f'xelta ta' l-azzjoni li bniedem ikun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel) turi dover, impellenti versu certa linja ta' kondotta, (ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, *eppure* dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali), *in quanto che* l-bilanc tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxih, ikun gheleb kwalunkwe kunsiderazzjoni ohra li *di fronte* ghalih (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza.

Illi b'gid tat-tfal ghandna nifhmu mhux tant il-profitt materjali kemm il-*ben essere* morali taghhom.  It-tfal, f'kawzi bhal dawn, m'humiex oggett in kontroversja u l-

interess tal-genituri fil-kwistjoni dwar il-kustodja taghhom huwa li ghandu jkun servjenti ghall-interess taghhom.

Illi dawn il-principji hawn fuq elenkati, apparti li johorgu mis-sens komun u logika ta' dak li jkun, ghandhom ukoll isibu konfort fil-gustizzja naturali li l-bniedem minn dejjem haddan. Anke l-artikoli tal-ligi bhal per ezempju l-**artikoli 47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili** huma kollha ndikattivi li l-Qorti f'kazijiet fejn hemm involuti t-tfal ghandha tara li l-gid taghhom jithares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawza sia jekk dawk il-kontendenti jkunu mizzewgin u sia jekk bhal f'dan il-kaz m'humiex mizzewgin.

Illi konsiderat dan kollu, fil-fehma tal-Qorti tenut kont partikolarment ta’ l-eta` tenera ta’ l-istess minuri (ta’ cirka sitt jew snin u erba’ / hames snin), il-kura u kustodja ghandha tigi fdata lill-attrici, b’dan ghalhekk li z-zewg ulied C kif ukoll D ghandhom jirrisjedu maghha. Min-naha tal-konvenut, dan ghandu jinghata access ghall-ulied bil-mod kif ser jigi spjegat.

Illi din il-Qorti thoss li l-arrangament prezenti dwar l-access, ghalkemm jista’ jinghad li johloq bilanc bejn id-drittijiet tal-konjugi, ma hux fl-ahjar interess ta’ l-ulied, u dan kif anke rrimarkat il-psikologa Dr. Roberta Attard (anke jekk ma haditx konjizzjoni tal-fatti kollha li ddominaw dan il-kaz) u ghalhekk l-access qed jigi varjat bil-mod segwenti:-

Illi fil-perjodu skolastiku l-access ghandu jigi ezercitat mill-konvenut kull nhar ta’ Tlieta, u l-Gimgha mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m., u b’mod alternattiv, u cjoe’ f’gimgha minnhom is-Sibt u fil-gimgha ta’ wara l-Hadd mill-9:00 a.m sal-5:30 p.m u dawn il-hinijiet ta’ l-ahhar tal-gimgha ghandhom jigi estizi sas-7:00 p.m. biss fil-vaganzi tas-sajf.

Illi l-minuri ghandhom jittiehdu mir-residenza ta’ l-attrici u jigu ritornati lura hemmhekk mill-konvenut, li bl-ebda mod ma ghandu jaghmel xi att jew atti fuq deskritti anke fir-rapport tal-pulizija. Din il-Qorti tordna li din l-kura u kustodja u access ghandhom isiru minn kull parti fl-

assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li mhux familjari tal-partijiet. Ghal dan il-ghand din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez taz-zewg partijiet timmonitorja u tissorvelja s-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri, b'dan ukoll li fost affarjiet ohra tikkomunika ma' l-ulied imsemmija b'mod regolari permezz ta' *social worker* apposita, li ma kinitx qabel b'xi mod involuta f'dan il-kaz. Din ghandha wkoll tara li dawn id-direttivi jigi osservati miz-zewg partijiet u tinibixxi lil kull genitur milli b'xi mod jghaddi kummenti jew osservazzjonijiet negattivi fil-konfront tal-genitur l-iehor fil-prezenza ta' l-istess ulied, b'dan li kull genitur ghandu jhares il-morali fl-interess suprem ta' l-istess minuri. Tordna wkoll li l-istess Agenzija Appogg tissuggerixxi terapija idoneja ghall-istess kontendenti kif ukoll ghall-ulied (jekk ikun il-kaz). Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tat-Tfal.

Illi dwar manteniment is-sitwazzjoni prezenti f'dan ir-rigward hi regolata skond id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, fejn il-konvenut qed ihallas is-somma komplessiva ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar ghall-bzonnijiet ta' l-ulied minuri, flimikien ma' somma ohra ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghall-bzonnijiet ta' l-attrici.

Illi mix-xhieda ta' **Peter Gatt** moghtija quddiem il-Perit Legali fis-seduta tad-19 ta' Frar 2003, jirrizulta li l-konvenut hu mpjegat ma' l-Universita ta' Malta bhala *full-time lecturer* u ghandu salarju ta' tmint elef, tmien mija u sitt liri Maltin (Lm8,806) u ghandu *performance bonus* ta' 12% tal-paga tieghu, li jithallas skond il-*performance assessment* tieghu. Ma' dan jircievi wkoll *academic supplement* ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) fis-sena.

Illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2005, l-attrici ddikjarat bil-gurament quddiem din il-Qorti li hi bdiet tahdem bhala ghalliema fi skola tal-knisja fil-bidu ta' Ottubru 2004 u ghandha paga ta' *circa* erba' mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar.

Illi skond l-**artikolu 20 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**:-

*"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqilghu xort'ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qliegh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u ta' l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed ukoll kont ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli."*

Illi skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** jirrizulta li wiehed mill-obbligi tal-mizzewgin huwa li jmantnu lil xulxin, u a bazi ta' dan l-obbligu u allura dritt reciproku, l-**artikolu 5** jiddisponi li dment li l-istess ragel u mara jistghu jiehdu l-manteniment minghand xulxin, ma jistghux jirrivertu t-talbiet taghhom lejn uliedhom, dixxendenti jew axxendenti.

Illi dan id-dritt ta' manteniment bejn il-konjugi jista' jintilef biss fil-kaz kontemplat fl-**artikolu 6 tal-Kapitolu 16**, fl-eventwalita' li wahda mill-konjugi titlaq mid-dar taz-zwieg u bla raguni valida ma tkunx trid tirritorna d-dar, jew fuq decizjoni tal-Qorti f'kawza ta' separazzjoni konsegwenti ghad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16**.

Illi d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48** biex dawn jigu applikati jrid ikun hemm pronunzjament *inter alia* dwar l-**artikolu 38 u 41 tal-Kap 16**, u artikoli ohra bhal **artikolu 40** b'applikazzjoni ta’ l-**artikoli 51 u 52** li kollha jirreferu ghar-responsabbilta' tal-konjugi li taghti aditu ghall-dikjarjazzjoni ta' firda personali, u din tista' tigi kontemplata biss f'kawza ta' separazzjoni.

Illi din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 (1) (d)** ghandhom japplikaw fil-konfront u kontra l-konvenut.

Illi wkoll din il-Qorti thoss, partikolarment wara li hadet konjizzjoni tan-nota ta’ l-attrici ta’ l-24 ta’ Jannar 2003 u tal-5 ta’ Marzu 2003, li r-retta alimentarja adegwata pagabbli mill-konvenut versu l-bzonnijiet ta’ l-ulied minuri ghandha tibqa’ fis-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghal kull wiehed miz-zewg ulied, b’dan li tali manteniment jizdied skond l-indici ta’ l-gholi tal-hajja kull sentejn b’effett immedjat in forza ta’ din id-decizjoni.

Illi dwar il-manteniment tal-mara in vista tal-fatt li hija llum ghandha mpjieg taghha izda wkoll qed thallas spejjez sostanzjali ghall-kera, din il-Qorti thoss li l-istess konvenut ghandu jmantni lill-attrici fl-ammont ta’ hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) fix-xahar fic-cirkostanzi attwali fejn l-istess attrici ghandha l-impjieg imsemmi.

Illi tali mantiment ta’ l-attrici u l-minuri ghandu jithallas mill-konvenut permezz pagamenti lill-attrici fir-residenza taghha bix-xahar bil-quddiem, liema ammont ghandu jinqata’ mill-*employer* tal-konvenut direttament mill-paga ta’ l-istess konvenut u jinbaghat lill-attrici fir-residenza taghha.  Ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja ta’ din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut sabiex dan jaderixxi ruhu ma’ dak ordnat f’din id-decizjoni.  Dan il-manteniment ghandu jkollu effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi tenut kont tal-konkluzjoni raggunta dwar ir-responsabbilta` ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg, u wara li din il-

Qorti ezaminat il-konsistenza ta’ l-assi tal-partijiet, huwa xieraq li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tigi ddikjarata xolta b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u *arbitrio boni viri* l-istess komunjoni ghandha tigi diviza u likwidata bil-mod hawn indikat:-

Illi l-attrici ghandha tigi assenjata ghas-saldu ta’ sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-segwenti:-

1) Nofs kull ammont li hemm depozitati f’kontijiet lokali, f’isem il-konjugi flimkien jew separatament.

2) L-effetti personali li huma proprjeta` parafernali taghha u li jinsabu fil-fondi Flat 3, No. 1, Triq il-Folklor, Birzebbugia u “Casa Delia”, St. John Street, Siggiewi u 69, St. C Street, Siggiewi.

3) CD’s, accessorji tal-kcina, Braun *food processor*, *bread maker*, Ardo *washing machine*, *Ice cream maker*, Bru *freezer*, Braun *orange juicer*, *stereo* Matsui, *stereo* Aiwa, id-*dinner sets*, *matching tea set*, il-*fridge* zghira, *Chinese design dinner set*, *matching tea set*, *fine bone china dinner set*, *other dinner sets including new one*, *gas heater*, *microwave* u *swivelling chair*.

Illi l-konvenut ghandu jigi assenjat ghas-saldu ta’ sehmu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-segwenti:-

1) L-ammonti kollha li hemm depozitati fil-kontijiet mizmuma man-*National Westminster Bank*.

2) Il-flus kollha li hemm fil-kont mal-bank Ingliz *National Savings Bank*.

3) Nofs kull ammont li hemm depozitati f’kontijiet lokali, f’isem il-konjugi flimkien jew separatament.

4) Id-*drip irrigation pipes and pump*, *video recorder*, Philco *dishwasher*, *cooker*, Eurotech *fridge freezer*, *computer*, Philips *liquidiser*, *stereo* Fisher u l-*cast iron pots* u *pans*.

5) Ic-certifikati u *degrees* akkademici tieghu u xi effetti personali ohra li jinsabu ghand l-attrici.

Illi barra minn dak kollu hawn fuq imsemmi:

a) Hemm somma flus depozitata f'kont mal-Bank of Valletta plc f'*Young Savers Account* f'isem il-minuri C, li ghandha tibqa' hemm depozitata ghall-beneficcju ta' l-istess tifel.

b) L-attrici tippretendi r-rifuzjoni tas-sehem li hi hallset minn *loan* li saret ghal xoghlijiet li saru f'proprjeta` parafernali tal-konvenut u ta' missieru. Dan l-ammont jirrizulta li hu ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) u ghaldaqstant l-attrici ghandha tithallas is-somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) mill-konvenut.

c) Il-konvenut jirrileva illi l-kont (illum kongunt) li hemm man-*National Westminster Bank* kien parafernali tieghu precedentement, u li qabel iz-zwieg hu kellu depoziti ta' 5402.75 stg (liri Sterlini) f'dan il-kont. Illum hemm bilanc f'dan il-kont ta' 1,800 Lira Sterlina u ghalhekk jallega li ghandu kreditu ta' aktar minn stg 3600 Sterlina kontra l-komunjoni tal-akkwisti. Ukoll il-konvenut jippretendi li hu kellu xi flus depozitati mal-Bank of Valletta p.l.c., APS Bank u l-HSBC qabel iz-zwieg li llum kwazi sparixxew ghal kollox. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-flus depozitati f'dawn il-kontijiet intefqu mill-istess konvenut kwazi esklussivament biex hu segwa l-kors ta' studju tieghu fl-Ingilterra, u ghaldaqstant ma jistax issa jippretendi li ghandu kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-konvenut sostna wkoll illi l-attrici approprijat ruhha minn flus ammontanti ghal elf, seba' mija u tlieta u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1,793.13c) qabel bdew il-proceduri ta' separazzjoni personali, liema flus ma ntefqux ghall-gid tal-komunjoni. Illi dwar dan din il-Qorti bhal Perit Legali hi tal-fehma li l-flus li gibdet l-attrici, (kif xehdet hi stess *viva voce* quddiem il-Perit Legali), intuzaw ghall-bzonnijiet tal-familja fil-parti l-kbira taghhom jekk mhux fit-totalita', u ghaldaqstant ma hemmx lok ghal xi rifuzjoni.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti thoss li c-cirkostanzi tal-kaz jimmeritaw ukoll illi jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti kollha ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut u dan minhabba li l-istess kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija, theddid, eccessi, sevizzi u ingurji gravi li kawza ta' l-istess il-hajja konjugali ma' baqghetx aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment.

2. Tafda f'idejn l-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri C u D b'dan li l-istess minuri ghandhom jirrisjedu ma' l-attrici, u l-konvenut ikollu dritt ta' access ghall-istess ulied fil-perjodu skolastiku kull nhar ta' Tlieta, u l-Gimgha mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m., u b'mod alternattiv u cjoe' f'gimgha minnhom is-Sibt u fil-gimgha ta' wara l-Hadd mill-9:00 a.m sal-5:30 p.m. Dawn il-hinijiet fl-ahhar tal-gimgha *(week-ends)* biss ghandhom jigu estizi sat-7:00 p.m fil-vaganzi tas-sajf.

Illi l-minuri ghandhom jittiehdu mir-residenza ta' l-attrici u jigu ritornati lura hemmhekk mill-konvenut, li ma ghandu bl-ebda mod jaghmel xi atti kif aktar 'il fuq deskritt. Din il-Qorti tordna li din il-kura u kustodja u access ghandhom isiru fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li mhux familjari tal-partijiet. Ghal dan l-iskop tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez taz-zewg partijiet timmonitorja u tissorvelja s-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri, b'dan ukoll li fost affarjiet ohra tikkomunika ma' l-ulied koncernati b'mod regolari permezz ta' *social worker* apposita, li ma kinitx qabel b'xi mod involuta f'dan il-kaz. L-istess *social worker* ghandha wkoll tara li dawn id-direttivi jigu osservati miz-zewg partijiet u tinibixxi lil kull

genitur milli b'xi mod jghaddi kummenti jew osservazzjonijiet negattivi fil-konfront tal-genitur l-iehor fil-prezenza ta' l-istess ulied, b'dan li kull genitur ghandu jhares il-morali tal-minuri. Tordna wkoll li l-istess Agenzija Appogg tissuggerixxi terapija idoneja ghall-kontendenti u jekk ikun il-kaz ghall-imsemmija wlied, fl-interess suprem ta' l-istess minuri, kollox kif indikat f'din is-sentenza. Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tat-Tfal.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas versu l-bzonnijiet ta' l-ulied minuri s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghal kull wiehed miz-zewg ulied, b'kollox ghalhekk l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar bhala manteniment ghall-istess uliedu, *oltre* l-ammont ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) fix-xahar bhala manteniment tal-konvenut ghall-attrici *stante* c-cirkostanzi attwali tal-kaz kif fuq spejgat, b'dan li tali manteniment jizdied skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja kull sentejn *ipso iure* in forza ta' din is-sentenza. In vista ta' l-ewwel talba jibqa' veljanti skond il-ligi d-dritt ta' manteniment ta' l-attrici kontra l-konvenut.

Illi din il-Qorti tordna li tali mantiment ta' l-attrici u l-minuri ghandu jithallas mill-konvenut permezz ta' pagamenti minnu lill-attrici fir-residenza taghha bix-xahar bil-quddiem b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan billi l-istess ammont jinqata' mill-*employer* tal-konvenut direttament mill-paga ta' l-istess konvenut u jinbaghat lill-attrici fir-residenza taghha. Ghal dan il-ghan din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja ta' din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut sabiex dan jaderixxi ruhu ma' din id-decizjoni.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti b'dan li tordna li *arbitrio boni viri* l-istess komunjoni ghandha tigi maqsuma u diviza bil-mod segwenti:-

Illi din il-Qorti tordna u tiddeciedi li l-attrici ghandha tigi assenjata a saldu ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-segwenti:-

(a) Nofs kull ammont li hemm depozitati f'kontijiet lokali, f'isem il-konjugi flimkien jew separatament;

(b) L-effetti personali li huma proprjeta` parafernali taghha u li jinsabu fil-fondi Flat 3, No. 1, Triq il-Folklor, Birzebbugia u "Casa Delia", St. John Street, Siggiewi, u 69, St. C Street, Siggiewi;

(c) L-oggetti fuq indikati konsistenti f'CD's, accessorji tal-kcina, Braun *food processor*, *bread maker*, Ardo *washing machine*, *ice cream maker*, Bru *freezer*, Braun *orange juicer*, *stereo* Matsui, *stereo* Aiwa, id-*dinner sets*, *matching tea set*, il-*fridge* zghira, *Chinese design dinner set*, *matching tea set*, *fine bone china dinner set*, *other dinner sets including new one*, *gas heater*, *microwave* u *swivelling chair*; u s-somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) kollox kif fuq deskritt b'dan li l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas lill-attrici l-istess somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350).

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti tordna u tiddeciedi li l-konvenut ghandu jigi assenjat a saldu ta' sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-segwenti:-

(a) L-ammonti kollha li hemm depozitati fil-kontijiet mizmuma man-*National Westminster Bank*;

(b) Il-flus kollha li hemm fil-kont mal-bank Ingliz *National Savings Bank*;

(c) In-nofs ta' kull ammont li hemm depozitati f'kontijiet lokali, f'isem il-konjugi flimkien jew separatament;

(d) L-oggetti kollha fuq indikati konsistenti fid-*drip irrigation pipes and pump*, *video recorder*, Philco *dishwasher*, *cooker*, Eurotech *fridge freezer*, *computer*, Phillips *liquidiser*, *stereo* Fisher u l-*cast iron pots* u *pans*;

ic-certifikati u *degrees* akkademici tieghu u xi effetti personali ohra li jinsabu ghand l-attrici kollox kif fuq deskritt.

6. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut filwaqt li tordna n-notifika ta' din is-sentenza a spejjez attrici lill-Agenzija Appogg, lill-Kummissarju tat-Tfal u lill-*employer* tal-konvenut. Tordna fl-interess tal-minuri d-divjett tal-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-kontendenti u tal-minuri. Tordna komunika mmedjata ta' din l-ordni lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jara li din l-ordni tigi skrupolozament sewgita, dejjem fl-interess massimu tal-minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------